Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,075, 22 ta' Diċembru, 1982
Taqisma A

MALTA

ATT Nru. XVIII ta' 1-1982

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għall-kontroll tal-kondizzjonijiet fi trasferimenti ta' immobbili.

ACT No. XVIII of 1982

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the control of conditions in transfers of immovables.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **AGATHA BARBARA**
President

22 ta' Diċembru, 1982

ATT Nru. XVIII ta' l-1982

ATT biex jipprovdi għall-kontroll tal-kondizzjonijiet fi trasferimenti ta' immobbili.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1982 li jirregola t-Trasferimenti ta' Immobbili.

Tifsir.

2. F'dan l-Att —

"ftehim preliminari" tfisser ftehim li bih parti tobbliga ruħha li titrasferixxi u parti oħra tobbliga ruħha li takkwista immobbili.

"ġurnata stabbilita" tfisser it-22 ta' Diċembru, 1982;

"għotja" tfisser għotja enfitewtika;

"għotja enfitewtika" tfisser l-għoti b'enfitewsi jew sub-enfitewsi ta' art, bini jew kostruzzjoni oħra u tinkludi kull kuntratt li bih ċens huwa impost jew awmentat f'riferenza għal kull proprjetà kif fuq imsemmija;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju ta' l-Artijiet;

"trasferiment" tinkludi bejgħ u kull trasferiment ta' immobbili b'titolu onerus u jinkludi għotja enfitewtika.

Trasferiment magħmul bla permess huwa null u bla effett.

3. Bla ħsara għal kull ħaġ'oħra meħtieġa b'liġi, trasferiment ta' immobbili wara l-ġurnata stabbilita mingħajr il-permess tal-Kummissarju sabiex jiġi pubblikat il-kuntratt ta' trasferiment, mogħti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att, jew xort'oħra mhux skond il-permess mogħti kif fuq ingħad, liema permess għandu jiġi mehmuż ma' l-att ta' trasferiment, ikun null u bla effett.

Permess tal-Kummissarju.

4. (1) Il-Kummissarju ma jagħtix il-permess tiegħu biex jiġi pubblikat il-kuntratt tat-trasferiment jekk —

(a) ma jkunx sar ftehim preliminari bil-miktub li fih jinkorpora l-pattijiet u kondizzjonijiet kollha tat-trasferiment; u

(b) applikazzjoni fil-forma kif murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att u li jkun fiha l-partikolaritajiet kollha hemm speċifikati, ma tkunx ġiet magħmula lilu mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol qabel ma jiskadi l-perijodu ta' validità tal-ftehim preliminari; u

(ċ) il-Kummissarju ma jkunx sodisfatt illi l-pattijiet u kondizzjonijiet tat-trasferiment kif proposti ma humiex aktar oneruż minn dawk korrenti fis-suq fis-16 ta' Novembru, 1982.

(2) Meta l-Kummissarju ma jkunx sodisfatt kif provdut fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu li jaħbat minnufih qabel dan, huwa jista' javża lil min applika għall-permess bil-pattijiet u kondizzjonijiet li taħthom dak it-trasferiment jista' jsir, li jkunu pattijiet u kondizzjonijiet li jissodisfaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu fuq imsemmi, u f'dak il-każ dak l-avviż ikollu l-istess effett ta' permess mogħti minnu għal trasferiment propost li jsir skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-avviż; u meta dak il-permess ma jiġix użat mill-partijiet tal-ftehim preliminari, jista' jiġi wżat minn persuni oħra li huma lesti li jaċċettaw dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-avviż.

(3) Għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, il-Kummissarju jista' jikseb kull parir jew fehma ta' espert, u taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet, li jidhirlu xieraq.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissarju taħt dan l-artikolu tkun finali.

Perijodu ta' validità ta' ftehim preliminari.

5. Meta tkun saret applikazzjoni kif provdut fl-artikolu 4 ta' dan l-Att, il-perijodu ta' validità tal-ftehim preliminari, li kopja tiegħu tkun mehmuża ma' l-applikazzjoni, jiġi mtawwal b'dak iż-żmien li iġġaddi bejn id-data ta' l-applikazzjoni u l-ġurnata li taħbat minnufih wara d-data tal-permess, avviż, jew rifjut tal-Kummissarju mogħti taħt dan l-artikolu.

Effetti ta' rifjut ta' permess, eċċ.

6. Meta l-Kummissarju jkun irrifjuta l-għoti tal-permess tiegħu, jew il-partijiet tal-ftehim preliminari ma jkunux aċċettaw, fil-perijodu tal-validità ta' dak il-ftehim, il-pattijiet u kondizzjonijiet notifikati lill-applikant mill-Kummissarju kif provdut fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att, kull ħlas magħmul jew konsiderazzjoni oħra mogħtija bil-ħsieb tat-trasferiment jew b'mod ieħor minħabba dak it-trasferiment propost, għandu jitħallas lura minkejja kull ftehim kuntrarju.

Kopja awtentika tal-permess għandha tiġi ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, etc.

7. Kopja awtentikata mill-Kummissarju tal-permess jew avviż mogħti mill-Kummissarju li skond dan l-Att għandu jiġi mehmuż ma' l-Att tat-trasferiment għandha tiġi ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew lir-Reġistratur ta' l-Artijiet meta t-trasferiment jiġi reġistrat skond il-liġi, u l-ebda trasferiment ma jiġi hekk reġistrat jekk u sakemm dik il-kopja ma tiġix hekk preżentata.

Effett ta' dan l-Att.

8. Dan l-Att għandu jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru, 1983, u mbagħad għandu jtemm:

Iżda, jekk f'xi żmien filwaqt li dan l-Att ikun fis-seħħ, il-Kamra tad-Deputati, tgħaddi Riżoluzzjoni illi l-imsemmi Att jibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sena oħra, jew għal żmenijiet iqsar kif speċifikat fir-Riżoluzzjoni, miż-żmien li xort'oħra jtemm, dan l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien ieħor.

SKEDA

Artikolu 4 (1) (b)

Applikazzjoni Nru.

Applikazzjoni għal permess għall-Pubblikazzjoni ta' Att ta' Trasferiment

(Din il-formula għandha tingħata in duplikat)

Daħħal hawnhekk il-partikolaritajiet kollha tas-sidien tal-proprjetà li tkun se tiġi trasferita	Min jagħmel it-trasferiment
Daħħal hawnhekk il-partikolari tajiet kollha ta' lil min ikun se jsir it-trasferiment	Lil min ikun se jsir it-trasferiment
Daħħal hawnhekk deskrizzjoni tal-proprjetà li tkun se tiġi trasferita, f'każ ta' proprjetà rurali għandha tiġi mehmuża pjanta tal-proprjetà	Deskrizzjoni tal-proprjetà
Daħħal hawnhekk iż-żmien tat-trasferiment	Żmien tat-trasferiment
Daħħal hawnhekk il-ħlasijiet kollha (fis-sena jew xort'oħra) li għalihom ikun qed isir it-trasferiment	Ċens u ħlasijiet oħra

Daħħal hawnhekk il-kondizzjonijiet l-oħra kollha tat-trasferiment. Kopja tal-ftehim preliminari għandha tiġi mehmuża ma' din il-formula	Kondizzjonijiet oħra tat-trasferiment
Daħħal hawnhekk l-isem tan-Nutar li jkun se jippubblika l-att	Nutar li jkun se jippubblika l-att tat-trasferiment

.....
Firma ta' l-applikant

Għal Użu ta' l-Uffiċċju Biss

Data li fiha tiġi riċevuta l-applikazzjoni:

Permess *mogħti/mhux mogħti/mogħti suġġett taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

.....
Kummissarju ta' l-Artijiet

.....
(data)

* ħassar fejn ma japplikax

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 76 tal-21 ta' Diċembru, 1982.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati